Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,477, 27 ta' Ġunju, 1997
Taqsima B

A.L. 97 ta' l-1997

ATT TA' L-1994 DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (ATT NRU. XXVIII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Wiri ta' Listi ta' Prezzijiet f'Bars u Kjoskijiet

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, wara li ikkonsulta l-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Wiri ta' Listi ta' Prezzijiet f'Bars u Kjoskijiet.

Turija ta' listi ta' prezzijiet.

2. (1) Kull sid jew kull min ikun responsabbli għat-tmexxija ta' xi bar jew kjosk għandu jiżgura li listi ta' prezzijiet ta' ikliet, *snacks* u ta' oġġetti oħra ta' ikel jew xorb għandhom jintwerew b'mod prominenti, fil-każ ta' bar mal-bieb tiegħu, u fil-każ ta' kjosk fuq in-naħa ta' barra ta' dak il-kjosk b'mod li x-xerrejja jkunu jistgħu jarawhom b'mod faċli ħafna.

(2) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament:

(i) il-kelma "bar" tinkludi wkoll *tuck-shops* fl-iskejjel u *snack bars* li jkunu jinsabu fil-perimetru tas-sit ta' fabbrika;

(ii) il-kelma "kjosk" tinkludi wkoll kull posta mobbli minn fejn isir il-bejgħ, f'liema każ il-lista ta' prezzijiet għandha titwaħħal f'imkien prominenti ta' dik il-posta.

Reati.

3. Kull min jikser jew jonqos li jħares dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira Maltija iżda mhux iżjed minn mitejn lira Maltija.